

**Brussell, 20 ta' Mejju 2021
(OR. en)**

8966/21

**COHAFA 51
DEVGEN 100
ONU 50
COVID-19 215
COAFR 133
MOG 44
MAMA 85
COASI 70
COLAC 37
COJUR 11
PROCIV 61
RELEX 455**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8725/21
Nru dok. Cion:	COM(2021) 110 final
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji - Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Mejju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji, adottati fit-3795 laqgħa tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill
dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji**

1. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni f'waqtha tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE, minħabba l-isfidi umanitarji li qed jikbru madwar id-dinja f'termini kemm ta' finanzjament kif ukoll ta' twassil tal-ġajnuna. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju fir-rigward tal-iskala mingħajr preċedent tal-ħtiġijiet umanitarji, it-tnaqqis tal-ispazju umanitarju u d-diskrepanza dejjem tikber fil-finanzjament. Il-pandemija tal-COVID-19 amplifikat b'mod sinifikanti l-impatt tal-konflitti, it-tibdil fil-klima, il-pressjonijiet demografiċi, l-ispostament furzat, governanza falluta jew dgħajfa, u l-ġhadd dejjem jikber ta' każijiet ta' ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL). Dawn il-fatturi kollha jaffettwaw b'mod partikolari lill-popolazzjonijiet f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-validità u r-rilevanza tal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja, u jtenni l-importanza li l-għajnuna umanitarja tal-UE tingħata fuq approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet u skont il-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza.
3. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol essenzjali ta' koordinazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rispons għall-kriżijiet umanitarji, fl-ispirtu tal-multilateraliżmu effettiv u sħubiji. Huwa jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab ewlenin, l-integrazzjoni ta' NGOs umanitarji internazzjonali u lokali u s-soċjetà ċivili, u jirrikonoxxi l-importanza tal-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar biex jiġi promoss u jingħata rispons umanitarju msejjes fuq il-prinċipji.

4. Il-Kunsill jissottolinja li r-rispett għall-IHL huwa prekontidzzjoni għal għajnuna umanitarja effettiva u effiċjenti f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat, biex tittaffa t-tbatija tal-popolazzjonijiet milquta u biex jiġi żgurat li dawn ikunu protetti aħjar. Il-Kunsill għalhekk jisħaq fuq l-importanza li r-rispett għall-IHL u l-konformità miegħu jitqiegħdu b'mod konsistenti fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE – kif espress fil-Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni ta' Konformità mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali – kif ukoll li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni u l-infrastruttura ċivili, tiġi appoġġata u promossa azzjoni umanitarja msejsa fuq il-prinċipji u jiġi salvagwardjat l-ispazju umanitarju. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess sikur u mingħajr xkiel għall-popolazzjonijiet fil-bżonn, kif ukoll is-sikurezza u s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji u dawk fil-kura tas-saħħa. Huwa jappoġġa t-tisħiħ ulterjuri tal-qafas ta' konformità tal-IHL, skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għajnuna Umanitarja u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali adottati f'Novembru 2019. Il-Kunsill iħeġġeġ sforzi akbar biex, fejn xieraq, tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva tal-UE dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-IHL, kemm internament kif ukoll esternament, inkluż monitoraġġ aħjar ta' ksur tal-IHL u l-kundanna ta' dawn l-atti, li jinkludu attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, il-ħaddiema umanitarji u mediċi, il-faċilitajiet mediċi u l-iskejjel.
5. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jissaħħu l-isforzi globali biex tiżdied b'mod sinifikanti l-bażi tar-riżorsi għal azzjoni umanitarja, kif ukoll l-importanza li l-għajnuna umanitarja titwassal b'mod aktar effiċjenti bir-riżorsi disponibbli. Il-Kunsill iħeġġeġ il-ħidma tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri biex jiksibu finanzjament umanitarju addizzjonali sabiex l-UE żżomm ir-rwol ewlieni tagħha fost id-donaturi globali u tiżgura kondiviżjoni aktar sostenibbli u bbilanċjata tal-finanzjament umanitarju fi ħdan l-UE. Il-Kunsill jappella lid-donaturi potenzjali u dawk emerġenti biex jikkontribwixxu għas-sistema umanitarja kkoordinata min-NU b'mod li jkun imsejjes fuq il-prinċipji. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex b'mod konsistenti jinkludu l-promozzjoni tal-appoġġ għal azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji fid-djalogu tagħhom ma' pajjiżi terzi rilevanti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jintensifikaw id-djalogu mas-sistema tan-NU dwar il-prioritizzazzjoni tar-riżorsi umanitarji. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħidma mill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiġi ingranat finanzjament addizzjonali msejjes fuq il-prinċipji minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mis-settur privat, inkluż permezz ta' approċċi ta' finanzjament innovattivi, abbażi ta' approċċ "la tagħmilx ħsara".

6. Il-Kunsill jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-użu ta' arranġamenti ta' finanzjament pluriennali u flessibbli mas-sħab umanitarji. Huwa jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex issaħħaħ dawn l-isforzi u jissottolinja l-importanza li jiġi pprovdut finanzjament ta' kwalità, skont il-Grand Bargain. Il-Kunsill iħeġġeġ l-użu aktar mifrux ta' soluzzjonijiet innovattivi u għodod diġitali mill-organizzazzjonijiet umanitarji biex jiżdiedu l-effettività u l-impatt tar-rispons tagħhom. Il-Kunsill jafferma l-ħtieġa għal ġestjoni tad-data responsabbli u etika f'kuntesti umanitarji b'rispett tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara", inkluż fil-każijiet kollha fejn jintużaw soluzzjonijiet diġitali għall-assistenza umanitarja.
7. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ għall-atturi lokali u nazzjonali, filwaqt li jirrikonoxxi l-għarfien u l-esperjenza tagħhom bħala persuni tal-ewwel linja ta' rispons li jkun fuq il-post qabel, matul u wara emerġenzi. Huwa jfakkar fil-ħtieġa għal valutazzjonijiet ikkoordinati tal-ħtiġijiet li jisiltu mill-kapaċitajiet ta' dawn l-atturi lokali. Il-Kunsill iħeġġeġ biex ikun hemm investiment akbar f'NGOs lokali, inkluż organizzazzjonijiet lokali mmexxija min-nisa u tad-drittijiet tan-nisa, u l-promozzjoni ta' prattiki ta' sħubija ekwi. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ, kull fejn ikun xieraq, tal-istrutturi, in-networks u l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' rispons, inkluż iżda mhux limitat għal NGOs, organizzazzjonijiet ta' ispirazzjoni reliġjuża jew tal-karità, u s-sħab tagħhom. Huwa jenfasizza wkoll l-importanza tal-aġenda ta' lokalizzazzjoni bħala mezz kif jittejjeb l-aċċess tan-nies għal servizzi xierqa u f'waqthom biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet fi kriżijiet emerġenti, fit-tul u minsija.

8. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima għall-azzjoni umanitarja, jilqa' l-ħidma li saret għal azzjoni umanitarja antiċipatorja u jappella għall-espansjoni tagħha. Il-Kunsill jafferma l-ħtieġa li l-valutazzjoni u l-analiżi tar-riskju jinfirmaw l-azzjoni umanitarja u jikkomplementaw approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet b'mod konsistenti. It-tiżiħ tal-azzjonijiet u l-atturi klimatiċi u ambjentali, f'approċċ li jorbot l-aspett umanitarju mal-iżvilupp u mal-paċi huwa essenzjali biex tinbena u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli, skont l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. Il-Kunsill jappoġġa bil-qawwa l-oġettiv tal-Komunikazzjoni li r-rispons għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jiġi integrat fid-disinn u t-twassil tal-ġajjnuna umanitarja, kif ukoll l-impenn li jiġu appoġġati l-isforzi tas-šhab umanitarji biex inaqqsu l-impronta ambjentali tagħhom.
9. Il-Kunsill jafferma l-ħtieġa għal implimentazzjoni u operazzjonalizzazzjoni aktar konsistenti u effettivi tal-approċċ li jorbot l-aspett umanitarju mal-iżvilupp u mal-paċi. Huwa jissottolinja li l-atturi differenti involuti jridu jaħdmu b'mod koordinat, filwaqt li jirrispettaw bis-ših il-prinċipji umanitarji fl-ġhoti ta' assistenza umanitarja u f'konformità šiha mal-mandati u l-oġettivi rispettivi tagħhom. Dan l-approċċ għandu l-ġhan li jmur lil hinn mill-interventi fuq terminu qasir u lejn l-iżvilupp fit-tul, filwaqt li jippromwovi soluzzjonijiet deġġiema li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-konflitti u l-kriżijiet fit-tul. Il-Kunsill jinkoraġġixxi analiżijiet konġunti tal-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet, kif ukoll għaqda fl-ippjanar u l-programmazzjoni, kif xieraq, tal-politiki u l-azzjonijiet proprji tal-UE. Il-Kunsill jafferma l-importanza ta' approċċ sensittiv għall-konflitti, sabiex l-assistenza esterna ma taggravax il-konflitti u l-kriżijiet. L-aġenda tal-UE għall-progress tar-rabta trid tibni fuq l-esperjenza tal-pajjiżi pilota tal-UE f'din ir-rabta u fuq it-tagħlimiet meħuda minnhom, fost affarijiet oħra, u xxerridhom.

10. Il-Kunsill jilqa' t-tmexxija tal-Kummissjoni fl-integrazzjoni tal-edukazzjoni f'emerġenzi, b'mod partikolari għall-bniet, bħala parti minn approċċ li jorbot l-aspett umanitarju mal-iżvilupp u mal-paċi. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jipprovdi aktar finanzjament għat-tagħlim inklużiv tul il-ħajja u għal edukazzjoni u taħriġ sikuri, ekwi u ta' kwalità fil-livelli kollha f'emerġenzi u f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul adottati f'Novembru 2018. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli tiżviluppa politiki tematiċi f'oqsma bħas-saħħa, il-protezzjoni, il-ġeneru, id-diżabbiltà, l-ikel u n-nutrizzjoni – inkluż l-alimentazzjoni fl-iskejjel – il-kenn, l-ilma, is-sanitazzjoni u l-iġjene (WASH), l-istat ta' tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju, u l-metodi ta' twassil tal-għajnuna. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-inklużjoni ta' appoġġ għas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali (MHPSS) u l-benesseri fil-Komunikazzjoni u jħeġġeġ lill-atturi umanitarji kollha tal-UE biex jinkludu b'mod strutturali dawn il-fatturi fl-ippjanar u l-programmazzjoni tagħhom.
11. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li n-nies huma fiċ-ċentru tal-azzjoni umanitarja tal-UE, u jisħaq fuq l-impenn tagħha li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni milquta minn konflitt u minn kriżi umanitarja u li tipproteġi d-drittijiet u d-dinjità tagħhom. Approċċ bin-nies fiċ-ċentru tiegħu jwassal biex tingħata kunsiderazzjoni lil gruppi speċifiċi li jiffaċċaw riskji akbar, fosthom in-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh, l-anzjani, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi u etniċi, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni spostati b'mod furzat u r-refuġjati. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa l-parteċipazzjoni effettiva u attiva mill-persuni affettwati f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa kruċjali li jiġu appoġġati l-persuni fil-kuntest tal-ispostament furzat, kemm jekk il-kawżi tiegħu ikunu naturali kif ukoll jekk ikunu kkawżati mill-bniedem. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-komunità internazzjonali tkompli tindirizza l-kawżi ewlenin tal-ispostament u l-ħtiġijiet tal-persuni spostati f'pajjiżhom u tal-komunitajiet ospitanti, filwaqt li tiffittex li ssaħħaħ il-protezzjoni u l-assistenza mogħtija u li tiffaċilita soluzzjonijiet dejjiema.

12. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jissodisfa l-ħtiġijiet u jipproteġi d-drittijiet tan-nisa u l-bniet u li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jappella lill-atturi umanitarji kollha biex jintegraw din il-perspettiva fl-interventi tagħhom, f'konformità wkoll mal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien, u jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu b'mod attiv biex inaqqsu l-vulnerabbiltà u l-esponiment għar-riskju, inkluż permezz tal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-effett tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, l-isfruttament u l-prattiki dannużi.
13. L-UE tibqa' tħares l-impenn lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet kollha tal-bniedem u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' tħares l-impenn lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa.

14. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jevita u, fejn ma jistax jagħmel dan, itaffi kemm jista' kwalunkwe impatt negattiv potenzjali mhux intenzjonat tal-miżuri restrittivi tal-UE fuq azzjoni umanitarja msejsa fuq il-prinċipji. Il-Kunsill itenni li l-miżuri restrittivi tal-UE jikkonformaw mal-obbligi kollha skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-IHL u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. Huwa jissottolinja l-importanza li l-prinċipji umanitarji u l-IHL jiġu rispettati b'mod sħiħ fil-politika ta' sanzjonijiet tal-UE, inkluż permezz tal-inklużjoni konsistenti ta' eċċezzjonijiet umanitarji fir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-UE fejn rilevanti, u billi jiġi żgurat li jkun hemm qafas effettiv biex jintuża f'dawn l-eċċezzjonijiet minn organizzazzjonijiet umanitarji. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li jingħata aktar appoġġ prattiku u/jew gwida lill-organizzazzjonijiet umanitarji fir-rigward tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom fir-reġimi differenti ta' sanzjonijiet tal-UE u li jkompli jiġi promoss id-djalogu bejn il-partijiet kollha involuti fl-assistenza umanitarja. Il-Kunsill ser jikkunsidra li jinkludi, kull fejn ikun xieraq, ksur serju tal-IHL bħala raġuni għall-elenkar fir-reġimi ta' sanzjonijiet tal-UE, filwaqt li jiżgura li jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv potenzjali fuq l-attivitajiet umanitarji.
15. Il-Kunsill ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, abbażi tal-approċċ "Tim Ewropa", biex jiġi żgurat eżiti kollettivi u koerenti u impatt akbar, biex b'hekk jiġi żgurat li l-UE tibqa' sieħeb ewlieni. Fl-istess spirtu, il-Kunsill jilqa' l-proposta għall-iżvilupp ta' Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew biex jissaħħaħ il-kontribut tal-UE biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fir-rispons umanitarju abbażi tal-ħtieġa, biex b'hekk l-għajnuna umanitarja tkun tista' titwassal malajr, f'koordinazzjoni sħiħa u mingħajr id-duplikazzjoni ta' mekkaniżmi eżistenti. Huwa jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tikkonsulta mal-Istati Membri bil-ħsieb tal-istabbiliment tagħha u biex tiżgura djalogu man-NU u s-sħab umanitarji rilevanti.
16. Il-Kunsill jappoġġa l-involvement u r-rwol essenzjali tal-UE fl-għajnuna umanitarja u d-djalogu kontinwu mal-Istati Membri u s-sħab umanitarji tagħha. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li torganizza Forum Umanitarju Ewropew għall-promozzjoni ta' diskussjoni strateġika ta' livell għoli dwar kwistjonijiet umanitarji, u djalogu sostnut mas-sħab ewlenin tagħha mis-sistema tan-NU, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, is-soċjetà ċivili u donaturi oħra.